Nru. 17,497
Prezz 64c
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 4 ta' Novembru, 2003
Tuesday, 4th November, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1024

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 17,494 tal-31 ta' Ottubru, 2003.

A.L. Nru. 321 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Kriterji għal Approvazzjoni ta' Organizzazzjonijiet u Assoċjazzjonijiet ta' min Irabbi li jwaqqfu jew iżommu Kotba tal-Merħla għal Nagħaġ u Mogħoż tar-Razza Pura għat-Tgħammir.

A.L. Nru. 322 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Kriterji li jirregolaw id-Dħul f'Kotba tal-Merħla ta' Majjali tar-Razza għat-Tgħammir.

A.L. Nru. 323 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Metodi ta' Monitoraġġ tal-Ħidma u l-Metodi biex ikun Assessjat il-Valur Ġenetiku tal-Merħla ta' Annimali tar-Razza Pura għat-Tnissil ta' l-Ispeċi Bovina.

A.L. Nru. 324 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Dokument ta' Identifikazzjoni (Passaport) li Jakkumpanja l-*Equidae* Reġistrati.

A.L. Nru. 325 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Kriterji li jirregolaw id-Dħul f'Kotba tal-Merħla ta' Nagħaġ u Mogħoż tar-Razza Pura għat-Tgħammir.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1024

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 17,494 of the 31st October, 2003.

L.N. No. 321 of 2003: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Criteria for Approval of Breeders' Organisations and Associations which establish or maintain Flock-Books for Pure-Bred Breeding Sheep and Goats Regulation, 2003.

L.N. No. 322 of 2003: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Pure-Bred Breeding Pigs (Entry into Herd-Books Criteria) Regulations, 2003.

L.N. No. 323 of 2003: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Performance Monitoring Methods and Methods for Assessing Cattle's Genetic Value for Pure Bred Breeding Animals of the Bovine Species Regulations, 2003.

L.N. No. 324 of 2003: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Identification Document (Passport) Accompanying Registered Equidae Regulations, 2003.

L.N. No. 325 of 2003: Veterinary Services Act (Act No. XXIII of 2001); (Entry in Flock-Books Criteria) Pure-Bred Breeding Sheep and Goats Regulations, 2003.

A.L. Nru. 326 ta' l-2003: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Metodi għall-Monitoraġġ tal-Ħidma u l-Assessjar tal-Valur Ġenetiku ta' Nagħaġ u Mogħoż tar-Razza Pura għat-Tgħammir.

L.N. No. 326 of 2003: Veterinary Services Act (Act No. XXIII of 2001); Methods for Monitoring Performance and Assessing the Genetic Value of Pure-Bred Breeding Sheep and Goats Regulations, 2003.

A.L. Nru. 327 ta' l-2003: Att dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Kriterji biex ikunu aċċettati, għal raġunijiet ta' tgħammir, Nagħaġ u Mogħoż tar-Razza Pura u l-Użu tas-Semen, l-Ova jew l-Embrijoni tagħhom.

L.N. No. 327 of 2003: Veterinary Services Act (Act No. XXIII of 2001); Criteria for the Acceptance for Breeding Purposes of Pure-Bred Breeding Sheep and Goats and the use of their Semen, Ova or Embryos Regulations, 2003.

A.L. Nru. 328 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Ċertifikati Żootekniċi għal Nagħaġ u Mogħoż tar-Razza Pura għat-Tnissil, is-Semen, l-Ova u l-Embrijoni tagħhom.

L.N. No. 328 of 2003: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Zootechnical Certificates for Pure-Bred Breeding Sheep and Goats, their Semen, Ova and Embryos Regulations, 2003.

A.L. Nru. 329 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Kriterji għall-Approvazzjoni jew Rikonoxximent ta' Organizzazzjonijiet u Assoċjazzjonijiet li jżommu jew jistabbilixxu *Stud-Books* għal *Equidae* Reġistrat.

L.N. No. 329 of 2003: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Criteria for the approval of Recognition of Organisations and Associations which maintain or establish Stud-Books for Registered Equidae Regulations, 2003.

A.L. Nru. 330 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Kriterji għal Dħul u Reġistrazzjoni ta' *Equidae* fir-Reġistri tar-Razza għal Raġunijiet ta' Tgħammir.

L.N. No. 330 of 2003: Veterinary Services Act (Act No. XXIII of 2001); Entry and Registration of Equidae Criteria in Stud-Books for Breeding Purposes Regulations, 2003.

A.L. Nru. 331 ta' l-2003: Att ta' l-2001 dwar is-Servizzi Veterinarji (Att Nru. XXIII ta' l-2001); Regolamenti ta' l-2003 dwar Partikularitajiet taċ-Ċertifikati Żootekniċi ta' Semen, Ova u Embrijoni minn *Equidae* Reġistrati.

L.N. No. 331 of 2003: Veterinary Services Act, 2001 (Act No. XXIII of 2001); Particulars found in Zootechnical Certificates of Semen, Ova and Embryos from Registered Equidae Regulations, 2003.

A.L. Nru. 332 ta' l-2003: *Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Prevention of Pollution from Ships) Regulations, 2003.*

L.N. No. 332 of 2003: Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Prevention of Pollution from Ships) Regulations, 2003.

A.L. Nru. 333 ta' l-2003: Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371); Dikjarazzjoni ta' Vaganza tal-Banek.

L.N. No. 333 of 2003: Banking Act (Cap. 371); Declaration of Bank Holidays.

A.L. Nru. 334 ta' l-2003: *Insurance Business Act, 1998 (Cap. 403); Insurance Business (Companies Carrying on Business of Affiliated Insurance) Regulations, 2003.*

L.N. No. 334 of 2003: Insurance Business Act, 1998 (Cap. 403); Insurance Business (Companies Carrying on Business of Affiliated Insurance) Regulations, 2003.

A.L. Nru. 335 ta' l-2003: *Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Continuance of Companies Carrying on Business of Insurance) Regulations, 2003.*

L.N. No. 335 of 2003: Insurance Business Act (Cap. 403); Insurance Business (Continuance of Companies Carrying on Business of Insurance) Regulations, 2003.

L-4 ta' Novembru, 2003

4th November, 2003

Nru. 1025

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar il-Ħadd, it-2 ta' Novembru, 2003 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1004 tal-31 ta' Ottubru, 2003 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-3 ta' Novembru, 2003
(OPM 12/2003 Vol II)

No. 1025

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Eddie Fenech Adami, K.U.O.M., B.A., LL.D., M.P., resumed the duties as Prime Minister on Sunday, 2nd November, 2003 and that the arrangements made by Government Notice No. 1004 of the 31st October, 2003, ceased to have effect accordingly.

3rd November, 2003

Nru. 1026

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' dan l-Ordinanza.

L-4 ta' Novembru, 2003
(File No. L 26/86/1)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'Ħ'Attard:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 46 metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, li tinkludi *manhole* u tqegħid ta' servizzi għal

No. 1026

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

4th November, 2003

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Attard:–

1. The mentioned subsoil rights consisting of the digging of a trench 46 metres long, 0.75 metres wide and 1.5 metres deep, which include a manhole and laying of services for an

żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,150 metru kwadru, liema għalqa tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħ'Attard, mill-Punent ma' sqaq pubbliku, u min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sinjura Caterina Ullo Xuereb.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 25 metru twila, 0.75 metri wiesgħa u 1.5 metri fonda, li tinkludi *manhole* u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 1,045 metru kwadri, liema għalqa tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Giuseppe Azzopardi, mill-Punent ma' sqaq pubbliku u min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi.

3. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' 2 trinek, waħda 13-il metru twila u l-oħra 8 metri twila, kull waħda 0.75 metri wiesgħa, u 1.5 metri fond u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 1,380 metru kwadru, liema għalqa tmiss mil-Lvant ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi, mill-Punent ma' sqaq pubbliku u mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sinjura Caterina Ullo Xuereb.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kuluri aħdar, blu u isfar bħala *plots* numri 1 sa 3 rispettivament fuq pjanta mmarkata L.D. 65/86 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Is-27 ta' Ottubru, 2003

indefinite period in a field of the area of about 3,150 square metres, which field is bounded on the North East by property of the Attard Parish Church, on the West by a public alley, and on the South by property of Mrs Caterina Ullo Xuereb.

2. The mentioned subsoil rights consisting of the digging of a trench 25 metres long, 0.75 metres wide and 1.5 metres deep, which include a manhole and laying of services for an indefinite period in a field of the area of about 1,045 square metres, which field is bounded on the North by property of Mr Giuseppe Azzopardi, on the West by a public alley and on the South by property of the Saint George Parish Church of Qormi.

3. The mentioned subsoil rights consisting of the digging of 2 trenches, one 13 metres long and the other 8 metres long, each one 0.75 metres wide, and 1.5 metres deep and laying of services for an indefinite period in a field of the area of about 1,380 square metres, which field is bounded on the East by property of Saint George Parish Church of Qormi, on the West by a public alley and on the North by property of Mrs Caterina Ullo Xuereb.

The above mentioned land is shown with the colours green, blue and yellow as plots numbers 1 to 3 respectively on plan marked L.D. 65/86, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

27th October, 2003

Nru. 1027

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

L-4 ta' Novembru, 2003

(File No. L588/78)

No. 1027

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

4th November, 2003

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Jannar, 1979, taht in-Notifikazzjoni Nru. 42, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-biċċa art f'Ħal Għaxaq tal-kejl ta' madwar 2,003 metri kwadri, li tinkludi parti minn kamra rurali, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika u mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur Carmelo Dalli, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar ħekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Ħal Għaxaq:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 1,438 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika u mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Joseph Dalli.

2. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 468 metru kwadru, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika u mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Joseph Dalli.

L-art hawn fuq imsemmija jidhru mmarkati bil-kulur aħmar u indikati bħala *plots* Nru. 1B u Nru. 2 rispettivament fuq pjanta P.D.223_78_2 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Is-27 ta' Ottubru, 2003

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 20th January, 1979, under Notice No. 42, the President of Malta had declared that the plot of land in Għaxaq of about 2,003 square metres, including a part of a rural room, bounded on the North East by a public road and on the South East and on the South West by property of Mr Carmelo Dalli, is to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas part of this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Għaxaq:

1. A plot of land of the area of about 1,438 square metres, bounded on the North East by a public road and on the South East and on the South West by property of Joseph Dalli.

2. A plot of land of the area of about 468 square metres, bounded on the North East by a public road and on the South East and on the South West by property of Joseph Dalli.

The abovementioned lands are shown marked in colour red and marked on plots No. 1B and No. 2 respectively on plan P.D.223_78_2 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

27th October, 2003

Nru. 1028

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' din l-Ordinanza.

L-4 ta' Novembru, 2003

(File No. L 75/89)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art fil-Gudja:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 69 metru twila, 1 metru wiesgħa, 2 metri fonda, li tinkludi 2 *manholes* u tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 2,855 metru kwadru, liema għalqa tmiss mill-Lbiċ u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa u mill-Punent parti ma' triq pubblika u parti ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa.

2. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 19-il metru twila, 1 metru wiesgħa, 2

No. 1028

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

4th November, 2003

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at Gudja:–

1. The mentioned subsoil rights consisting of the digging of a trench 69 metres long, 1 metre wide, 2 metres deep, which includes 2 manholes and laying of services for an indefinite period in a field of the area of about 2,855 square metres, which field is bounded on the South West and on the North East by property of the Parish Church of Birżebbugia and on the West partly by a public street and partly by property of the Parish Church of Birżebbugia.

2. The mentioned subsoil rights consisting of the digging of a trench 19 metres long, 1 metre wide, 2 metres deep, laying

metri fonda, tqegħid ta' servizzi għal żmien indefinit f'għalqa tal-kejl ta' madwar 350 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Grigal ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa, u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-werrieta ta' Giovanni Barbara.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bil-kulur blu u isfar rispettivament filwaqt li trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq pjanta mmarkata L.D. 25/90, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Din il-Proklama qed thassar Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 298 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Mejju 1990.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Is-27 ta' Ottubru, 2003

of services for an indefinite period in a field of the area of about 350 square metres, bounded on the North and the North East by property of the Parish Church of Birżebbugia, and on the South West by property of the heirs of Giovanni Barbara.

The above mentioned land is shown with the colour blue and yellow respectively while the trench is shown with the colour red on plan marked L.D. 25/90, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

This Proclamation is cancelling Government Notice No. 298 published in the Government Gazette of the 4th May 1990.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

27th October, 2003

Nru. 1029

AKKWIST TA' ART

DIN il-Proklama li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' dan l-Ordinanza.

L-4 ta' Novembru, 2003
(File No. L 746/89)

PROKLAMA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bl-artikolu 4 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88), huwa pprovdut illi l-President ta' Malta jista', għal skopijiet pubbliċi, jiddikjara illi l-art hija suġġetta għall-jedd ta' *clearance* jew għall-jedd ta' taħt wiċċ l-art.

U billi hu meħtieġ illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk tiġi dikjarata suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

No. 1029

ACQUISITION OF LAND

THE following Proclamation made by the President of Malta under section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of this Ordinance.

4th November, 2003

PROCLAMATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the provisions of section 4 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88), the President of Malta can, for public purposes, declare that the land is subject to clearance rights or subsoil rights.

And whereas it is required that the property mentioned in this schedule is declared subject to subsoil rights.

Issa, għalhekk, jiena, bis-saħħa ta' l-artikolu 4 ta' l-imsemmija Ordinanza, b'din niddikjara illi l-proprjetà msemmija fl-iskeda mdaħħla hawnhekk hija suġġetta għal dritt ta' taħt wiċċ l-art.

Skeda

Art f'San Pawl tat-Tarġa, limiti tan-Naxxar:–

1. L-imsemmi dritt ta' taħt wiċċ l-art jikkonsisti sabiex isir tħaffir ta' trinka 60 metru twila, 0.75 metri wiesgħa, 2.5 metri fonda, li tinkludi 2 *manholes* ta' 0.75 metri b'0.75 metri, f'għalqa tal-kejl ta' madwar 1,745 metru kwadru, liema għalqa tmiss min-Nofsinhar ma' triq pubblika, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Carmelo Caruana, u mil-Lvant parti ma' proprjetà ta' l-Istitut ta' San Ġużepp tal-Ħamrun u parti ma' proprjetà ta' Carmelo Buhagiar.

L-art hawn fuq imsemmija hija murija bħala *plot* Nru. 2 u murija bil-kulur isfar filwaqt li t-trinka hija murija bil-kulur aħmar fuq il-pjanta L.D. 86/90 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

Din il-Proklama qed thassar in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 532 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Awissu 1990 f'dak li għandu x'jaqsam mal-*plot* numru 2.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Is-27 ta' Ottubru, 2003

Now, therefore, I, by means of the powers of section 4 of the mentioned Ordinance, hereby declare that the property mentioned in this schedule is subject to subsoil rights.

Schedule

Land at San Pawl tat-Tarġa, limits of Naxxar:–

1. The mentioned subsoil rights consisting of the digging of a trench 60 metres long, 0.75 metres wide, 2.5 metres deep, which includes 2 manholes of 0.75 metres by 0.75 metres, in a field of the area of about 1,745 square metres, which field is bounded on the South by a public road, on the South East by property of Carmelo Caruana, and on the East partly by property of the Institute of St Joseph of Ħamrun and partly by property of Carmelo Buhagiar.

The above mentioned land is shown as plot No. 2 and shown with the colour yellow while the trench is shown with the colour red on plan L.D. 86/90, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

This Proclamantion is cancelling Government Notice No. 532 published in the Government Gazette of the 7th August 1990 for all that related to plot number 2.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

27th October, 2003

Nru. 1030

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

L-4 ta' Novembru, 2003
(File No. L788/91)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Jannar, 1992, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 1, il-President ta' Malta kien iddikjara

No. 1030

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

4th November, 2003

DECLARATION OF THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 3rd January, 1992, under Notice No. 1, the President of Malta had

illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtiega mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

Is-servitù li ġej fis-Siġġiewi:

Servitù li jikkonsisti fit-tħaffir ta' trinka 28 metru kwadru twila, 1.75 metri fonda u 0.7 metri wiesgħa, li tinkludi *manhole,* f'għalqa tal-kejl ta' madwar 3,705 metri kwadri, li tmiss mix-Xlokk ma' Triq il-Knisja l-Qadima, mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali tas-Siġġiewi, min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-werrieta ta' Giuseppi Pace u oħrajn.

Is-servitù hawn fuq imsemmi jidher immarkat fuq il-pjanta L.D.338/91 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

Is-27 ta' Ottubru, 2003

declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following servitude at Siġġiewi:

Servitude consisting of digging of a manhole 28 square metres long, 1.75 metres depth and 0.7 metres width, which include a manhole, in a field of about 3,705 square metres, bounded on the South East by Triq il-Knisja l-Qadima, on the North West by property of the Parish Church of Siġġiewi, on the South by property of heirs of Giuseppi Pace and others.

The abovementioned servitude is shown marked on plan L.D. 338/91, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

27th October, 2003

Nru. 1031

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI U REĠISTRATUR TAL-QRATI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern approva l-hatra temporanja li ġejja:–

No. 1031

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL AND REGISTRAR OF COURTS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr Victor Zammit, LL.D.	Direttur Ġenerali u Reġistratur tal-Qrati *Director General and Registrar of Courts*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	2-9.11.03

Id-29 ta' Ottubru, 2003
CJ/72/96

29th October, 2003

Nru. 1032

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 1032

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 243	George Zammit	Speranza 12 Triq Agius Desoldanis Rabat Għawdex	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.43 52.44 52.45 52.46 52.47	29.10.03
CD/3209/2003 Pt 403	Mario Bugeja	Shop 2 Triq il-Qadi Żejtun	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.45	30.10.03
CD/3209/2003 Pt 404	Mario Bugeja	Shop 6 Triq il-Qadi Żejtun	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.11	30.10.03
CD/3209/2003 Pt 417	Adrian Agius	Donna piu Level 3 Plaza Commercial Centre Bisazza Street Sliema	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.33 52.48.7 52.43	29.10.03
CD/3209/2003 Pt 248	Carmel Grima	Amrig Electronic 81 Republic Street Valletta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.46 52.45	30.10.03

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 410	Joseph Wells	Super Clean 63 Flat 4 Parish Street Naxxar	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	74.7	29.10.03
CD/3209/2003 Pt 411	Angelo Pace	Red Arrows 1 Alley 4 Parish Street Mqabba	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.24	29.10.03
CD/3209/2003 Pt 218	Charmaine Vella	Charmaine's Creative Scissors Sqaq Nru 10 3 Triq il-Kbira Żebbuġ	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	28.10.03
CD/3209/2003 Pt 416	John Axiaq	PC Home Computer The Plaza Commercial Centre Office No 5 Level 4 Sliema	Kategorija V - Servizzi professjonali u kummerċjali *Category V - Professional and business services*	72	29.10.03
CD/3209/2003 Pt 344	Chris Hili obo Variety Foods	Variety Foods Ltd UB7D San Ġwann Industrial Estate San Ġwann	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	15	27.10.03

Kull persuna li għandha interess tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

L-4 ta' Novembru, 2003

4th November, 2003

Nru. 1033

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI (KAP. 217)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-lista ta' nies barranin li għandhom il-liċenzi ta' impieg skond l-artikolu 11 (3) ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217), nhar it-Tnejn, it-3 ta' Novembru, 2003, qed tidher fuq il-*website* tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni www.doi.gov.mt u tista' tinkiseb fuq *floppy disc* jew *printout* mill-istess Dipartiment bil-prezz ta' Lm1.50ċ u 2ċ kull paġna rispettivament.

L-4 ta' Novembru, 2003

No. 1033

IMMIGRATION ACT (CAP. 217)

IT IS notified for general information that the list of expatriates holding employment licences according to section 11 (3) of the Immigration Act (Cap. 217) has been published on the website of the Department of Information www.doi.gov.mt on Monday, 3rd November, 2003, and is obtainable on floppy disc or printout from the same Department for the price of Lm1.50c and 2c each page respectively.

4th November, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 96

Bis-saħħa ta' l-artikolu 93 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Hu projbit l-ipparkjar ta' vetturi fid-dati u l-ħinijiet fit-toroq indikati. Vetturi pparkjati hemm huma soġġetti għall-irmunkar.

Bormla

Nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Diċembru, 2003 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Pellegrinaġġ, il-Polverista, l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Ġdida, Fuq San Pawl, ix-Xatt ta' Bormla u Pjazza Paolino Vassallo.

Nhar is-Sibt, is-6 ta' Diċembru, 2003 mis-6.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Pjazza 25 ta' Ġunju, Hanover, Rikkardo Taylor, l-Oratorju, Santa Margerita, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, Santu Rokku, John Pace u Santa Tereża.

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Diċembru, 2003 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: il-Mitħna, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, il-Pellegrinaġġ, ix-Xatt ta' Bormla u Pjazza Paolino Vassallo.

Nhar it-Tnejn, it-8 ta' Diċembru, 2003 mill-11.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Ġwann ta' Għuxa, San Ġwann, San Franġisk, Wiġi Rosato, il-Ġdida, Pjazza Gavino Gulia, is-Suq ta' Bormla, Pjazza Paolino Vassallo u l-Pellegrinaġġ (sa quddiem il-Knisja).

POLICE NOTICE

No. 96

In virtue of section 93 (1) of the Code of Police Laws (Cap. 10) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Vehicles are not allowed to be parked on the dates and times at the indicated streets. Vehicles parked are subject to towing.

Cospicua

On Friday, 5th December, 2003 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: il-Pellegrinaġġ, il-Polverista, l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Ġdida, Fuq San Pawl, ix-Xatt ta' Bormla and Pjazza Paolino Vassallo.

On Saturday, 6th December, 2003 from 6.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Paolino Vassallo, il-Pellegrinaġġ, Pjazza 25 ta' Ġunju, Hanover, Rikkardo Taylor, l-Oratorju, Santa Margerita, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, Santu Rokku, John Pace and Santa Tereża.

On Sunday, 7th December, 2003 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: il-Mitħna, Erin Serracino Inglott, San Ġorġ, l-Oratorju, il-Pellegrinaġġ, ix-Xatt ta' Bormla and Pjazza Paolino Vassallo.

On Monday, 8th December, 2003 from 11.00 a.m. onwards through the following streets: San Ġwann ta' Għuxa, San Ġwann, San Franġisk, Wiġi Rosato, il-Ġdida, Pjazza Gavino Gulia, is-Suq ta' Bormla, Pjazza Paolino Vassallo and il-Pellegrinaġġ (up to the Church front).

Nhar it-Tnejn, it-8 ta' Diċembru, 2003 mill-4.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Hanover, il-Pellegrinaġġ, l-Oratorju, San Ġorġ, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt u Pjazza Paolino Vassallo.

L-4 ta' Novembru, 2003

On Monday, 8th December, 2003 from 4.30 p.m. onwards through the following streets: Hanover, il-Pellegrinaġġ, l-Oratorju, San Ġorġ, it-8 ta' Diċembru, Santa Tereża, San Pawl, Pjazza Gavino Gulia, ix-Xatt and Pjazza Paolino Vassallo.

4th November, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 97

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 94/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Il-Furjana

Nhar il-Ħadd, id-9 ta' Novembru, 2003, mis-6.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Sant'Anna, il-Mall quddiem il-Hotel Phoenicia, l-Assedju l-Kbir bejn Sarria u Sant'Anna, Nelson bejn il-Venda u l-Monument tal-Gwerra, Ġirolmu Cassar bejn Pjazza Kastilja sa fejn il-Monument tal-Gwerra u mad-dwar tal-monument tal-Gwerra.

L-4 ta' Novembru, 2003

POLICE NOTICE

No. 97

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the date and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Floriana

On Sunday, 9th November, 2003, from 6.00 a.m. onwards through the following streets: Sant'Anna, the Mall infront of Hotel Phoenicia, l-Assedju l-Kbir between Sarria and Sant'Anna, Nelson between the Terminus and the War Memorial, Ġirolmu Cassar between Castille Square up to the War Memorial and around the War Memorial.

4th November, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fuq Bażi *Part-Time* fil-Pożizzjoni ta' *Co-Ordinator of Family Doctor Training Scheme* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-ingaġġ fuq kuntratt fuq bażi *part-time* fil-pożizzjoni ta' *Co-Ordinator of Family Doctor Training Scheme* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Co-Ordinator of Family Doctor Training Scheme* fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Part-Time Contract Basis in the Position of Co-Ordinator of Family Doctor Training Scheme in the Health Division

The Public Service Commission invites applications for the engagement on part-time contract basis in the position of Co-Ordinator of Family Doctor Training Scheme in the Health Division.

2. The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Co-Ordinator of Family Doctor Training Scheme in the Health Division. Unsatisfactory performance during the contract period will lead to termination of contract.

3. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa li taħdem 30 siegħa fil-ġimgħa fuq bażi *part-time* u jidħlu fis-seħħ il-provvedimenti taċ-Ċirkolari tal-MPO Nru. 82/2003 rigward *vacation leave* bi ħlas jew *sick leave*.

4. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Co-Ordinator of Family Doctor Training Scheme* huwa ta' Lm5,500 fis-sena.

5. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Co-Ordinator of Family Doctor Training Scheme* jinkludu:

(a) Għajnuna fl-iżvilupp ta' *Family Doctor Training Scheme;*

(b) Koordinazzjoni ma' l-għaqdiet relevanti involuti fit-tmexxija ta' l-iskema;

(ċ) Tqassim ta' studenti mat-*Trainers;*

(d) Koordinazzjoni ta' programm ta' *day-release* għall-istudenti;

(e) Parir lill-awtoritajiet xierqa għall-iżvilupp aktar ta' l-iskema.

6. L-applikanti għandhom;

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikunu tobba tal-familja li ilhom jipprattikaw fuq bażi *full-time* għal dawn l-aħħar seba' snin;

(ċ) ikollhom evidenza ta' *Continued Medical Education;*

(d) ikunu *Certified Postgraduate Trainers in Teaching Methods* xierqa għat-tobba tal-familja;

(e) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kienu jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

7. Tingħata preferenza lill-kandidati li għandhom:-

3. The selected candidate will work on a 30 hour week part-time basis and the provisions of MPO Circular 82/2003 regarding paid vacation leave and sick leave will apply.

4. The salary attached to the position of Co-Ordinator of Family Doctor Training Scheme is Lm5,500 per annum.

5. The duties of a Co-Ordinator of Family Doctor Training Scheme include the following:

(a) Assistance in the development of a Family Doctor Training Scheme;

(b) Liaison with the relevant organisations involved in the running of the Scheme;

(c) Assignment of trainees to trainers;

(d) Co-ordination of a day-release programme for trainees;

(e) Advice to the appropriate authorities for the further development of the Scheme.

6. Applicants must be:

(a) citizens of Malta;

(b) family doctors in full time practice for the last seven years;

(c) in possession of documentary evidence of Continued Medical Education;

(d) Certified Postgraduate Trainers in Teaching Methods appropriate for Family Doctors;

(e) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7. Preference will be given to applicants with:

(a) Esperjenza fit-tmexxija u l-iżvilupp ta' programm ta' taħriġ tal-*General Practitioners*

JEW

(b) Esperjenza fl-iżvilupp ta' *curriculum*.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun addattat għall-pożizzjoni.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija addattata għal din il-pożizzjoni.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, Floriana sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Diċembru, 2003.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356 2124 2884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-4 ta' Novembru, 2003

(a) Experience in the running and development of a General Practitioners teaching programme;

OR

(b) Experience in curriculum development.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials. (Photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 5th December, 2003.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 2124 2884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

4th November, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Psychologist (Clinical)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Psychologist (Clinical)* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Psychologist (Clinical)* għandu salarju ta' Lm5,903 fis-sena li jiżdied b'Lm209 fis-sena sa massimu ta' Lm7,157 (Skala ta' Salarju Nru. 8).

2.1. Il-persuna fil-grad ta' *Psychologist (Clinical)* titla' fi Skala Nru. 7 - Lm6,284 x 228 - Lm7,652 suġġett għal servizz sodisfaċenti wara li tagħmel tmien snin fil-grad ta' *Psychologist (Clinical)*.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

3.1. Il-persuna nominata tkun intitolata għal benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Id-dmirijiet ta' *Psychologist (Clinical)* jinkludu:

(a) għajnuna lill-pazjenti biex jaġġustaw ruħhom meta jidħlu l-isptar u jiffaċċjaw l-anzjetà ta' qabel l-operazzjoni;

(b) provvediment ta' rijabilitazzjoni psikoloġika lill-pazjenti li jkunu qed jaġġustaw ruħhom għal kondizzjonijiet ta' wara l-operazzjoni;

(ċ) għajnuna lill-qraba biex jiffaċċjaw problemi varji bħal per eżempju t-telfa ta' xi qarib għażiż, ansjetà, jaċċettaw u jifhmu dijanjożi, u li jipprovdu għajnuna adekwata lill-pazjenti;

(d) assessjar, kemm fil-bidu kif ukoll b'kontinwità, ta' l-istat psikoloġiku tal-pazjenti bil-possibilità li dawn jiġu riferuti għand professjonisti oħra bħal psikjatri u *Social Workers*;

(e) ko-ordinazzjoni ta' għaqdiet ta' għajnuna għal pazjenti bil-għan li jtejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom fl-isptarijiet u li jaġġustaw għal ħajja fil-komunità;

(f) għajnuna lill-għaqdiet biex jakkwistaw tagħlim bħal kif persuna timmaniġġa ansjetà, tieħu deċiżjonijiet, timmaniġġa konflitti, tiffaċċja bidliet, tasserixxi ruħha, ikollha

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Psychologist (Clinical) in the Health Division

The Public Service Commission invites applications for the posts of Psychologist (Clinical) in the Health Division.

2. The post of Psychologist (Clinical) carries a salary of Lm5,903 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,157 (Salary Scale No. 8).

2.1. A Psychologist (Clinical) will progress to Salary Scale 7 - Lm6,284 x 228 - Lm7,652 on completion of eight years service in the grade of Psychologist (Clinical), subject to satisfactory performance.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

3.1. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

4. The duties of a Psychologist (Clinical) include:-

(a) helping patients to cope with adjustment to hospitalization and to deal with pre-operational stress;

(b) provision of psychological rehabilitation to patients adjusting to post-operation conditions;

(c) enabling relatives to deal with various issues such as coping with bereavement, anxiety, accepting and understanding diagnosis and providing adequate support to the patients;

(d) providing initial and on-going assessment of patients' psychological state with possible referral to other professionals such as psychiatrists and social workers;

(e) co-ordinating support groups for patients with the aim of improving their quality of life in hospitals and adjusting to life in the community;

(f) facilitating groups with the aim of acquiring skills such as stress management, decision making, conflict management, dealing with transitions, assertiveness, self-confidence and

fiduċja fiha nnifsha, u tkun taf tikkomunika. L-għan ewlieni ta' dan it-tagħlim hu t-titjib ta' l-istil tal-ħajja tal-pazjenti u biex jiġi evitat li dawn jerġgħu jidħlu l-isptar.

(ġ) taħriġ ta' impjegati ta' l-isptarijiet dwar *team-work*, *staff support*, *interpersonal skills*, kif għandhom jiġu ttrattati l-pazjenti, u dwar ko-ordinazzjoni u komunikazzjoni ma' uffiċjali ogħla u anqas minnha;

(ħ) għajnuna psikoloġika għall-pazjenti tfal u l-familji tagħhom inkluż dawk il-pazjenti ammessi fi swali pedjatriċi u dawk li jkunu taħt osservazzjoni fiċ-*Children's Outpatient Department*. Minbarra dan, tkun meħtieġa li tikkonsulta ruħha mal-*Paediatric Psychological Team* li jaħdem fiċ-*Children Development Assessment Unit (CDAU)*.

5. L-applikanti għandhom:–

(a) ikunu ċittadini ta' Malta.

(b) ikollhom *honours degree* fil-Psikoloġija jew kwalifika rikonoxxuta ekwivalenti (eż. B.A./B.Sc (Hons Psych);

(ċ) ikollhom *Professional Master's Degree* fil-*clinical psychology* jew kwalifika rikonoxxuta ekwivalenti;

(d) ikollhom mill-inqas sentejn esperjenza taħt superviżjoni fi *Clinical Setting;*

(e) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati bħala *Clinical Psychologists* mal-Bord għal Professjonijiet Supplimentari għall-Mediċina;

(f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk kienux jaħdmu mal-Gvern qabel u jagħtu dettalji).

6. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

7. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal dan il-post.

8. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

9. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

communications skills. The primary aim of these skills is to improve the general lifestyle of the patients and enable them to avoid unnecessary re-hospitalisation;

(g) training of hospital staff on the level of team-work, staff support, interpersonal skills, dealing with patients, co-ordination and communication with superiors and subordinates;

(h) providing psychological support for paediatric patients and their families including those patients admitted to the paediatric wards and those under review in the children's Outpatients Department. In addition liaising with the Paediatric Psychological Team working at the Children Development Assessment Unit (CDAU) is also required.

5. Applicants must:–

(a) be citizens of Malta;

(b) be in possession of an honours degree in Psychology or a recognised equivalent qualification (e.g. B.A./B.Sc. (Hons Psych);

(c) be in possession of a professional Master's degree in clinical psychology or a recognised equivalent qualification;

(d) have at least two years supervised experience in a clinical setting;

(e) be in possession of a certificate of registration as Clinical Psychologists with the Board for the Professions Supplementary to Medicine;

(f) be of good moral character (those who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); other applicants must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

6. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

7. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

9. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, il-Furjana.

10. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, il-Furjana, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, il-5 ta' Diċembru 2003.

11. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jigu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikanti trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

12. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-4 ta' Novembru, 2003

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment
or obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

10. Applications will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana, by not later than noon of Friday, 5th December 2003.

11. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

12. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead-line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within (7) seven days.

4th November, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Staff Nurse* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Staff Nurse* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' *Staff Nurse* għandu salarju ta' Lm4,645 fis-sena li jiżdied b'Lm152 fis-sena sa massimu ta' Lm5,557 (Skala Nru 12). Persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 10 (Lm5,235 x 175 - Lm6,285) meta tagħlaq ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Is-salarju ta' persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* li għandha l-*BSc(Nursing)* huwa Lm5,235 fis-sena li jiżdied b'Lm175 fis-sena sa massimu ta' Lm6,285 (Skala Nru. 10). Persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* iggradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru 9 (Lm5,551 x 192 - Lm6,703) meta tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Staff Nurse* iggradwata jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċjenti.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Staff Nurse in the Health Division

The Public Service Commission invites applications for posts of Staff Nurse in the Health Division.

2.1. The post of Staff Nurse carries a salary of Lm4,645 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,557 (Scale No 12). A Staff Nurse will progress to Scale No. 10 (Lm5,235 x 175 - Lm6,285) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. The salary of a Staff Nurse in possession of a BSc (Nursing) is Lm5,235 per annum rising by annual increments of Lm175 up to a maximum of Lm6,285 (Scale No. 10). A graduate Staff Nurse will progress to Scale No 9 (Lm5,551 x 192 - Lm6,703) on completion of two years service as graduate Staff Nurse, subject to satisfactory performance.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet tal-persuna fil-grad ta' *Staff Nurse* jinkludu:

a) provvediment ta' kura effettiva u effiċjenti lill-grupp speċifikat ta' pazjenti u li tieħu sehem fl-edukazzjoni ta' *junior staff,* ta' persuni li jkunu fuq żjara, kif ukoll ta' studenti;

b) għoti ta' informazzjoni lin-*Nursing Officer* u lill-membri oħra ta' l-i*staff* biex jiġi assigurat l-użu effiċjenti u effettiv ta' impjegati u riżorsi;

ċ) tagħlim u sorveljanza ta' *junior staff* u studenti skond il-livell tal-kompetenza/esperjenza tagħha.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mill-*Personnel Section,* Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, il-Furjana.

5. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fid-Diviżjoni.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati mal-Bord ta' l-Infermiera u Qwiebel;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji).

7. Jiġu kkunsidrati wkoll applikazzjonijiet mingħand kandidati li m'humiex ċittadini ta' Malta iżda li jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra msemmija f'paragrafu 6.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of a Staff Nurse include:

a) providing safe, effective and efficient care to a specified group of patients and participating in the education of junior/visiting staff and students;

b) giving information to the Nursing Officer and other members of staff to ensure the efficient and effective use of personnel and resources;

c) teaching and supervising junior staff and students according to own level of competence/experience.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. The selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Division.

6. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a certificate of registration with the Nursing and Midwifery Board;

(c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7. Applications will also be considered from candidates who are not citizens of Malta but who satisfy the other conditions of paragraph 6.

7.1. L-applikanti taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati għall-impjieg b'kuntratt għal sena li jista' jiġi mġedded soġġett għal servizz sodisfaċenti jekk ma jinstabux applikanti biżżejjed li jikkwalifikaw taħt paragrafu 6.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

10. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, il-Furjana, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Diċembru 2003.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni rċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-4 ta' Novembru, 2003

7.1. Applicants under this paragraph will only be considered for employment on a one year contract, renewable thereafter subject to satisfactory performance if there are not enough suitable candidates who qualify under paragraph 6.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm/employment

or obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana, by not later than noon of Friday, 5th December 2003.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

4th November, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Enrolled Nurse* fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Enrolled Nurse* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Il-post ta' *Enrolled Nurse* għandu salarju ta' Lm4,368 fis-sena li jiżdied b'Lm144 fis-sena sa massimu ta' Lm5,232 (Skala Nru. 13).

2.2. Meta jagħlqu ħames snin ta' servizz sodisfaċenti fil-grad, *Enrolled Nurses* jitilgħu fi Skala Nru. 12 b'salarju ta' Lm4,645 x Lm152 - Lm5,557 fis-sena u meta jagħlqu ħames snin oħra ta' servizz sodisfaċenti fil-grad jitilgħu fi Skala Nru. 11 b'salarju ta' Lm4,936 x 161 - Lm5,902 fis-sena wara li jkunu temmew ħames snin oħra ta' servizz.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet oħra li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Enrolled Nurse* jinkludu:

a) provvediment ta' kura effettiva u effiċjenti lill-gruppi speċifikati ta' pazjenti taħt il-gwida jew superviżjoni ta' infermier reġistrat skond il-livell ta' kompetenza u esperjenza;

b) informazzjoni lin-*Nursing Officer* u lill-membri oħra ta' l-is*taff* biex ikun assigurat l-użu effiċjenti u effettiv ta' impjegati u riżorsi;

ċ) tagħlim u sorveljanza ta' *junior staff* u studenti skond il-livell tal-kompetenza/esperjenza tagħha.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Il-kandidati magħżula jkunu meħtieġa jaħdmu fuq bażi ta' *shift* li jinkludi xogħol bil-lejl skond *rosters* stabbiliti fid-Diviżjoni.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Enrolled Nurse in the Health Division

The Public Service Commission invites applications for the posts of Enrolled Nurse in the Health Division.

2.1. The post of Enrolled Nurse carries a salary of Lm4,368 per annum rising by annual increments of Lm144 up to a maximum of Lm5,232 (Scale No 13).

2.2. Subject to satisfactory performance, Enrolled Nurses will, on completion of five years service in the grade, progress to Scale No. 12, with a salary of Lm4,645 x Lm152 - Lm5,557 per annum and will further progress to Scale No. 11 with a salary of Lm4,936 x 161 - Lm5,902 per annum on completion of a further five year service.

2.3. The appointees will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. The duties of an Enrolled Nurse include:

a) provision of safe, effective and efficient care to a specified group of patients under the guidanceċsupervision of a registered nurse according to level of competence and experience;

b) submission of information to the Nursing Officer and other members of staff to ensure the efficient and effective use of personnel and resources;

c) teaching and supervision of junior staff and students according to own level of competenceċexperience;

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Selected candidates will be required to perform duties on a shift basis including night duty according to the established rosters in the Division.

6. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) ikollhom ċertifikat li juri li huma reġistrati mal-Bord ta' l-Infermiera u Qwiebel;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma impjegati tal-Gvern għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* l-applikanti l-oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu dettalji.

7. Jiġu kkunsidrati wkoll applikazzjonijiet mingħand kandidati li m'humiex ċittadini ta' Malta iżda li jissodisfaw il-kundizzjonijiet l-oħra msemmija f'paragrafu 6.

7.1. L-applikanti taħt dan il-paragrafu jiġu kkunsidrati għall-impjieg b'kuntratt għal sena li jista' jiġi mġedded soġġett għal servizz sodisfaċenti jekk ma jinstabux applikanti biżżejjed li jikkwalifikaw taħt paragrafu 6.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

10. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, Floriana, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Diċembru 2003.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji

6. Applicants must be:-

(a) citizens of Malta;

(b) in possession of a certificate of enrollment with the Nursing and Midwifery Board;

(c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); other applicants must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

7. Applications will also be considered from candidates who are not citizens of Malta but who satisfy the other conditions of paragraph 6.

7.1. Applicants under this paragraph will only be considered for employment on a one year contract renewable thereafter subject to satisfactory performance if there are not enough suitable candidates who qualify under paragraph 6.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana, by not later than noon of Friday, 5th December 2003.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal

kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-4 ta' Novembru, 2003

application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356 - 21242884.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

4th November, 2003

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Change Manager* fil-Pitkalija, Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-mili tal-pożizzjoni ta' *Change Manager* fil-Pitkalija, Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali, Ministeru għall-Affarijiet Agrikoli u Żvilupp Rurali.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f' kuntratt ta' tliet snin bħala *Change Manager* fil-Pitkalija (Taqsima tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali), liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Change Manager* fil-Pitkalija matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 5, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-dmirijiet ta' *Change Manager* fil-Pitkalija u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku, is-servizz

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Change Manager at the Pitkali Markets in the Agricultural Services and Rural Development Division, Ministry for Rural Affairs and the Environment

The Public Service Commission invites applications for the filling of the position of Change Manager at the Pitkali Markets in the Agricultural Services and Rural Development Division, Ministry for Agricultural Services and Rural Development.

2.1. The selected candidate will be expected to enter into a three-year performance contract as Change Manager at the Pitkali Markets (Agricultural Services and Rural Development Division) which may be renewed thereafter for periods of three years, subject to satisfactory performance and results. Unsatisfactory performance as Change Manager at the Pitkali Markets during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. If the selected candidate is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Rural Affairs and the Environment as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or terminated.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer, and is during the contract period, appointed to a grade with a Salary Scale higher than scale 5, he/she will be required to relinquish his/her duties of Change Manager at the Pitkali Markets and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive salary of the selected applicant

tagħha mat-Taqsima tas-Servizzi Agrikolu u u Żvilupp Rurali kif ukoll mal-Gvern jintemm f' każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

3. Is-salarju għall-post ta' *Change Manager* fil-Pitkalija huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala 5 (fil-preżent Lm8,798). Il-persuna magħżula tkun intitolata għall-*performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħha soġġetta għal qadi sodisfaċenti ta' dmirijietha. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1. L-għanijiet u d-dmirijiet ta' din il-pożizzjoni jinkludu dan li ġej:

(a) *support* u pariri lis-Segretarju Permanenti fuq il-preparazzjoni, interpretazzjoni u implimentazzjoni tal-Programm ta' *Change Management* fil-Pitkalija;

(b) it-tqassim ta' xogħol lid-diversi sezzjonijiet, biex jiġu żgurati l-kwalità, il-kwantità, il-puntwalità, u r-riżultati, rigward l-għanijiet imfassla minn qabel;

(ċ) it-tmexxija ta' l-i*staff* li jaħdem ma' l-Organizzazzjoni waqt li jara/tara xi ħtiġijiet għandhom 'dak li għandu x' jaqsam mad-direzzjoni, *monitoring* tal-ħidma tagħhom u l-għajnuna li jkunu jeħtigu, il-motivazzjoni, l-iżvilupp professjonali u l-ħarsien ġenerali tas-saħħa tagħhom;

(d) assisgurazzjoni li x-xogħol isir bir-reqqa f'konformità mal-leġislazzjoni ġenerali u speċifika tal-*policies* ġenerali tal-Gvern, mal-*policies* tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali ul-Ambjent u mal-proċeduri u linji ta' gwida kif imħaddma mill-aġenziji ċentrali tal-Gvern, fejn dawn jaffettwaw l-Organizzazzjoni.

(e) l-assigurazzjoni li l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni meħtieġa, *vis-a-vis* il-Pitkali *Change Management Programme* u ħidmiet relatati, ikunu mwettqa fil-ħin.

4.2. *Position Description* dettaljata tista' tinkiseb mis-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru tas-Servizzi Agrikoli u Żvilupp Rurali 14, Triq M.A. Vassalli, il-Belt, Valletta.

5.1. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ċittadini Maltin;

becomes higher than the maximum of Salary Scale 5 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

3. The Salary attached to the position of Change Manager at the Pitkali Markets is equivalent to the maximum of Scale 5 (currently Lm8,798). The selected candidate will be entitled to a performance bonus up to a maximum of 10% for his/her salary subject to positive performance. In the case that the selected applicant is a public officer the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1. The objectives and duties in this position include the following:

(a) the provision of support and advice to the Permanent Secretary on the preparation, interpretation and implementation of the Pitkali Change Management Programme;

(b) allocation of work among the various sections to ensure quality, quantity, timeliness and measurable results in relation to planned objectives;

(c) the management of staff resources assigned to the Organisation having due regard for the need of the provision for their direction, monitoring of their performance and assistance, motivation, professional development and general well-being;

(d) the assurance that work is properly performed in conformity with general and specific legislation, general Government policies, Ministry for Rural Affairs and the Environment policies, procedures and guidelines laid down by the central agencies of Government insofar as they may apply to the Organisation;

(e) the assurance that the development and implementation of the required action plans vis-a-vis the Pitkali Change Management Programme and related tasks are completed on schedule.

4.2. A detailed Position Description can be obtained from the Human Resources Section, Department of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

5.1. Applicants must:-

(a) be citizens of Malta;

(b) ikollhom *degree* rikonoxxuta fil-*Business Management* jew qasam relatat;

jew

ikunu Uffiċjali Pubbliċi, bejn skala ta' salarju 10 u Skala ta' Salarju 7, b'mill-inqas ħames (5) snin esperjenza f' pożizzjoni ta' tmexxija.

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola (GP 47) *Service and Leave Record Form;* applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġa mill-Pulizija mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kienux impjegati tal-Gvern u jagħtu dettalji);

(d) ikunu jikkomunikaw b'mod eċċellenti, kemm bil-kitba kif ukoll mitkellma.

5.2 Tingħata preferenza li dawk il-kandidati li:

(a) juru inizjattiva, kreattività u impenn;

(b) għandhom rekord ippruvat fit-tħaddim ta' proġetti;

(ċ) ikollhom esperjenza f'sitwazzjonijiet ta' bidla.

6. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tagħmel taħriġ kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

7. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' erbgħin siegħa xogħol, għalkemm l-esiġenzi tax-xogħol jistgħu jinħtieġu aktar ħin jew ħinijiet irregolari.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' l-Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għal din il-pożizzjoni.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi żgurat li hija adattata għal din il-pożizzjoni.

11. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

jew jinkisbu mingħand id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Agrikoli u Żvilupp Rurali, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

(b) be in possession of a recognised degree in Business Management, or a related field;

or

Public Officers, between Salary Scale 10 and Salary Scale 7, with at least five (5) years experience in a managing position.

(c) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47), those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details);

(d) have excellent communication skills, both written and spoken.

5.2. Preference will be given to candidates who:

(a) demonstrate initiative, creativity and commitment;

(b) have a proven track record in project management;

(c) have experience in change situations.

6. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

7. The candidate will generally be expected to work on a 40 hour week basis, although exigencies of the position will require working additional or irregular hours.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10. The selected applicant may be medically examined to ascertain that heċshe is fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm

or obtained from the Director or Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* dettaljat li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, (Taqsima tar-Riżorsi Umani), 14, Triq M.A. Vassalli, Valletta sa mhux aktar tard min-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Diċembru, 2003.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* huwa 00356-21224944.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għal kull applikazzjoni li titwassal.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.

L-4 ta' Novembru, 2003

12. Applications, together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, (Human Resources Section) 14, M.A. Vassalli Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 5th December 2003.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date my be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Rural Affairs and the Environment, 14, Triq M.A. Vassalli, Valleta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Ministry is 00356-21224944.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 30 ta' Ottubru 2003.

AVV. DOTT PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Gutenberg Press Ltd, Triq il-Gudja, Tarxien filed a writ of summons on the 9th July, 2003 against Noel Calleja, Finzet House, Blokk C, Triq Mons I. Zammit, Msida, wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm473.52 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 1370/03 AJD) has been put off for the sitting of the 28th November, 2003.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 30th of October 2003.

ADV DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

1523

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Ark Insurance Brokers Limited, Triq Alfred Craig, Ta' Xbiex, ippreżentat avviż fit-12 ta' Settembru 1996 fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta Blye Engineering Co Ltd, Naxxar Road, San Ġwann, iħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm428.66 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Il-kawża (Avviż Numru 871/96 MM) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tas-26 ta' Frar, 2004.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 30 ta' Ottubru 2003.

AVV. DOTT PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Ark Insurance Brokers Limited, Triq Alfred Craig, Ta' Xbiex filed a writ of summons on the 12th September 1996 against Blye Engineering Co Ltd, Naxxar Road, San Ġwann, wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm428.66 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 871/96 MM) has been put off for the sitting of the 26th February, 2004.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 30th October 2003.

ADV DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

1524

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Atlas Insurance Agency Limited u dawn bħala aġenti ta' AXA Insurace PLC, kif surrogati bil-liġi u bil-polza fid-drittijiet ta' l-assigurati tagħhom Vincent Carbonaro u l-istess Vincent Carbonaro f'ismu proprju ppreżenta avviż fit-28 ta' Lulju, 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut Loren Grixti, 22, Evergreen, Triq it-Tramuntana, Birgu, iħallas lill-atturi s-somma ta' Lm207 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Il-kawża (Avviż Numru 1499/03 AJD) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tat-28 ta' Novembru, 2003.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 30 ta' Ottubru 2003.

AVV. DOTT PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Atlas Insurance Agency Limited in its own right and as a representative of AXA Insurance PLC, as subrogated by law of their assured client Vincent Carbonaro and the same Vincent Carbonaro in his own name filed a writ of summons on the 28th July, 2003 against Loren Grixti, 22, Evergreen, Triq it-Tramuntana, Vittoriosa, wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm207 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 1499/03 AJD) has been put off for the sitting of the 28th November, 2003.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 30th of October 2003.

ADV DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

1525

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Enemalta Corporation, Church Wharf, Marsa, ippreżentat avviż fid-19 ta' Frar, 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenuta Excavation Plus Ltd, St Theresa, Triq il-Parroċċa, in-Naxxar, tħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm1,688.14 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Il-kawża (Avviż Numru 111/03 MM) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 30 ta' Ottubru 2003.

AVV. DOTT PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Enemalta Corporation, Church Wharf, Marsa filed a writ of summons on the 19th February, 2003 against Excavation Plus Ltd, St Theresa, Triq il-Parroċċa, Naxxar, wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm1,688.14 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 111/03 MM) has been put off for the sitting of the 24th November, 2003.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 30th of October 2003.

ADV DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

1526

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Cutajar Limited, Triq l-Akwidott, Birkirkara, ppreżentat avviż fil-25 ta' Settembru 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut John Gatt, Classic Video Rentals, Triq San Tumas, Fgura, jħallas lill-attriċi s-somma ta' Lm2,808.67 għar-raġunijiet indikati fl-Avviż. Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Numru 576/02 DM) tinsab differita għas-smigħ għas-seduta tat-12 ta' Diċembru, 2003.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum, 30 ta' Ottubru 2003.

AVV. DOTT PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qorti

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) in a decree, has ordered the publication of the extract which appears hereunder for the purposes of service in terms of Section 187 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Cutajar Limited, Triq l-Akwidott, Birkirkara filed a writ of summons on the 25th September 2003 against John Gatt, Classic Video Rentals, Triq San Tumas, Fgura, wherein it requested the Court to condemn the defendant to pay plaintiff the sum of Lm2,808.67 for reasons indicated in the writ of summons. With costs and interest.

The case (Writ of Summons Number 576/02 DM) has been put off for the sitting of the 12th December, 2003.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today the 30th of October 2003.

ADV DR PAUL SANT, B.A. (HONS), LL.D.
For the Registrar of Courts

1527

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-28 ta' Ottubru 2003, il-Qorti Ċivili Prim Awla , ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, (Kap. 12).

Bandu għall-kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati.

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru 2003, fuq talba ta' Josette Montebello, eżerċenti l-kummerċ bħala Puer ġie ordnat li jintgħażlu Kuraturi Deputati biex jirrapreżentaw lis-soċjetà estera Calzaturificio Fratelli Rossetti S.p.a., fl-atti ta' l-ittra uffiċjali fl-ismijiet 'Josette Montebello vs Kuraturi Deputati' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fit-22 ta' Ottubru 2003, fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, lil; Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lis-soċjetà estera, Calzaturificio Fratelli Rossetti S.p.A., Josette Montebello eżerċenti l-kummerċ

It is hereby notified that by a decree of the 28th October 2003, the Civil Court First Hall, ordered the publication of the bann, which appears hereunder for the purposes of section 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure, (Cap. 12).

Bann for curators

Republic of Malta

To the Marshal of the Courts.

Whereas by decree, given by this Court on the 28th October 2003, on request, of Josette Montebello, carrying on trade as Puer, it was ordered that Deputy Curators, be chosen, to represent the foreign company Calzaturificio Fratelli Rossetti S.p.a., in the records of the judicial letter in the names 'Josette Montebello vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

By means of a judicial letter, filed, on the 22nd October 2003, in the First Hall Civil Court, against; Deputy Curators to represent the foreign company, Calzaturificio Fratelli Rossetti S.p.a., Josette Montebello, carrying on trade as Puer,

bħala Puer, filwaqt li għamlet referenza għall-konsenja ta' żraben u hand-bags tad-ditta 'Fratelli Rossetti' tad-29 ta' Ottubru, 2001, tgħarrafkom formalment li l-biċċa l-kbira ta' din l-istess konsenja rriżultat difettuża u/jew mhux tal-kwalità pattwita u ma setgħetx tinbiegħ, bil-konsegwenza li l-mittenti soffriet danni konsistenti f'telf ta' profitti u spejjeż oħra inkorsi inutilment għall-liema danni qed iżżommkom responsabbli.

Għaldaqstant intom interpellati sabiex fi żmien ġimgħa tersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti mill-mittenti.

Fin-nuqqas kunu avżati li ser jittieħdu passi ġudizzjarji kontra tagħkom mingħajr pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħrfu timxu u tevitaw spejjeż bla bżonn.

Din l-ittra uffiċjali biex il-mittenti turi biċ-ċar li hija beħsieba żżomm ferm id-drittijiet tagħha fil-konfront ta' l-intimati u sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni u dan ai termini.

Mittenti: Puer, Balluta Buildings, 36 u 37, Main Street, San Ġiljan.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi ta' l-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef, LL.D., Duttur tal-Liġi, Imħallef.

Illum 28 ta' Ottubru 2003.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Ottubru, 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati.

whilst referring, to the consignment of shoes and hand-bags of the firm 'Fratelli Rossetti' of the 29th October 2001, formally warns you that the large part of this consignment was defective and/or not of the agreed quality and could not be sold, and as a consequence, the interpellant, suffered, damages consisting in loss of profits and other expenses uselessly incurred, for which damages you are being held responsible.

Thus you are called upon, so, that within a week you come forward for the liquidation and payment of damages suffered by the interpellant.

Failing which, be warned, that judicial action will be taken against you without prior notice.

So much, so that you may know how to regulate yourselves and avoid unnecessary expenses.

This judicial letter, is meant, to show clearly, that the interpellant intends, to hold firm her rights, against the respondents and in order to interrupt prescription and this in terms.

Interpellant: Puer, Balluta Buildings, 36 u 37, Main Street, St. Julians.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days, and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or, if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you, are to inform forthwith this Court.

Given by the aforementioned First Hall of the Civil Court, with the witness of the Hon. Mr Justice. Joseph R. Micallef, LL.D. Doctor of Laws, Judge.

Today 28th October 2003.

Registry of the Superior Courts, today 31st October 2003.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts.

1528

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fl-24 ta' Ottubru 2003, Ċitazz. Numru 288/03 RCP, Grace Bonello et vs Karl Bonello, Diff.19/11/03, ordnat illi r-rikors u digriet hawn taħt riprodotti jiġu notifikati lill-intimata Grace Bonello, permezz tal-pubblikazzjoni a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fit-22 ta' Awissu 2003, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bis-segwenti 'occhio' Ċitazz. Nru. 288/03 RCP, Grace Bonello f'isimha proprju u bħala kuratriċi ad litem ta' wliedha minuri – omissis – vs Karl Bonello, Diff. 19 ta' Novembru 2003, ir-rikorrenti Karl Bonello espona bir-rispett;

Illi b'digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-13 ta' Frar 2003, l-intimat ġie ordnat inter alia illi jħallas lill-intimata (attriċi fil-kawża odjerna) is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) fix-xahar bħala manteniment għall-ulied minuri.

Illi l-esponent ma għandu l-ebda introjtu jew mezzi oħra sabiex imantni lill-istess ulied. In-negozju tiegħu falla għal kollox, oltre li l-istess esponent ma jikkwalifikax għall-benefiċċji soċjali, b'mod illi l-uniku mezz illi bih l-esponent ikun jista' jgħix huwa billi jew okkażjonalment ibiegħ mobbli partikolari tiegħu, ossija u prinċipalment billi jissellef xi flejjes mingħand missieru u xi ħbieb. Dan l-aħħar, l-esponent kellu l-okkażjoni illi jbiegħ, flimkien ma' ħutu u qraba oħra, is-sehem indiviż tiegħu minn proprjetà partikolari derivanti minn wirt, u minn liema bejgħ ir-rikavat nett ta' l-esponent kien jammonta għal Lm1,844. Minn din is-somma, l-esponent kien kostrett li jħallas lil Bank of Valletta plc is-somma ta' Lm1,000 mill-fondi partikolari u parafernali tiegħu in riduzzjoni permanenti ta' parti minn dejn tal-komunjoni, dovut lill-imsemmi bank, oltre Lm700 lil martu bħala arretrati ta' manteniment, skond l-istess imsemmi digriet bir-riżultat illi l-esponent baqa' biss b'Lm144 f'idejh, sabiex jgħix bihom u jmantni lilu nnifsu, oltre, li fadal bilanċ ta' madwar Lm1,000 oħra dovuti li jitħallsu lill-istess bank kreditur.

Illi mhux talli hekk, iżda, talli l-esponent ġie kostrett minn bank kreditur ieħor (APS Bank Limited) illi jbiegħ lanċa tal-baħar (appartenenti lill-komunjoni illi tinsab garanti fuq dan id-debitu partikolari) bil-prezz sostanzjalment ridott ta' Lm12,000, u, minn liema rikavat is-somma ta' Lm3,000 għandha titħallas lil martu bħala restituzzjoni ta' fondi parafernali tagħha, qabel ma jiġi applikat il-bilanċ tal-prezz imsemmi in riduzzjoni permanenti tad-dejn dovut lill-imsemmi bank. Barra minn hekk, l-istess Grace Bonello, qed tippretendi illi sabiex taċċetta l-imsemmija somma ta' Lm3,000,

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 24th October 2003, Writ of summons number 288/03 RCP, Grace Bonello et vs Karl Bonello, Diff. 19/11/03, ordered that the application and the decree hereunder reproduced, be notified, upon the respondent, Grace Bonello, by means of publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an application filed on the 22nd August 2003, in the First Hall Civil Court, with the following 'heading' Writ of summons num. 288/03 RCP, Grace Bonello in her own name and as curator ad litem of her minor children – omissis – vs Karl Bonello, Diff. 19th November 2003, the applicant Karl Bonello, pleaded with respect;

That by means of a decree given by the Honourable Civil Court Second Hall, on the 13th February 2003, the respondent, was ordered inter alia to pay the respondent, (plaintiff in the present suit) the sum of one hundred Maltese Liri (Lm100) monthly, as, maintenance for the minor children.

That the applicant, has no income or other means to maintain the same children. His business has gone completely bankrupt, besides the same applicant, does not qualify for social benefits, in such a manner, that the only manner in which the applicant, can support himself, is by occassionaly selling, movables, which belong solely to him, or mainly on advances given to him, by his father or friends. Lately, the applicant, had, the opportunity to sell, together with his brothers and other relatives, his undivided share, from a particular property, which he had inherited, and from which sale, the net income of the applicant amounted to Lm1,844. From this sum, the applicant, was forced to pay to the Bank of Valletta plc the sum of Lm1,000 from his own and paraphernal funds, in order to permanently reduce part of the debts of the community, due to the said bank, besides Lm700 to his wife, as arrears of maintenance, according to the said decree, as a result ,the applicant, was left, with only Lm144 in hand, in order to support and maintain himself, besides, a balance of about of Lm1,000 which are due to be paid, to, the creditor bank.

Besides, the applicant, was constrained, by another creditor bank (APS Bank Limited) to sell a seacraft (belonging to the community of acquests which is pledged in favour of this particular debt) for the substantially reduced price of Lm12,000, and from which income, the sum of Lm3,000 is to be paid to his wife in restitution of paraphernal funds, belonging to her, before the balance of debt, due, to the said bank is paid. Besides, the same Grace Bonello, is expecting, in order, to accept the said sum of Lm3,000,

...omissis...

għandha tiġi personalment liberata minn kwalsiasi responsabiltà rigwardanti l-ħlas tal-bilanċ tad-dejn dovut lill-bank kreditur, u liema bilanċ ikun jammonta għal aktar minn Lm70,000.

Illi, per di più l-esponent qiegħed f'negozjati wkoll mal-Bank of Valletta plc, sabiex isalva d-dar tar-residenza tiegħu mill-proċeduri ta' subbasta pendenti kontra kumpanija li hija proprjetarja ta' l-istess fond residenzjali,

...omissis...

u dan fir-rigward ta' debitu ieħor li jeċċedi Lm110,000.

Illi għall-kuntrarju, mart, l-esponent għandha introjtu tagħha u ilha de facto separata, minn ma' l-esponent, sa mill-5 ta' Lulju 2000. Sa minn madwar sena qabel din id-data, l-esponent kien già beda jiltaqa' mad-diffikultajiet finanzjarji tiegħu u l-familja sħiħa, cioè l-konjugi Bonello u ż-żewġ uliedhom kienu jgħixu unikament fuq is-salarju u introjti oħra ta' l-omm. Wara l-5 ta' Lulju 2000, it-tfal minuri baqgħu jgħixu ma' l-omm u f'dan iż-żmien, l-esponent ma vversa ebda kontribuzzjoni għal manteniment ta' wliedu, prinċipalment għaliex, kif già ngħad ma kienx finanzjarjament possibbli għalih.

Illi, in oltre, l-esponent jaf illi, minn barra l-introjtu illi martu għandha mill-impieg tagħha, ...omissis..., ...l-istess Grace Bonello anke biegħet assi tal-komunjoni, mingħajr, il-kunsens ta' żewġha u żammet ir-rikavat tagħhom.

...Omissis...

Barra minn hekk, l-intimata ħadet ukoll pussess ta' vettura (proprjetà ta' waħda mill-kumpaniji) mingħajr il-kunsens ta' żewġha u ttrasferietha fuq isem terzi. Oltre dan, l-istess Grace Bonello tirċievi wkoll remunerazzjoni addizzjonali għal xogħol privat li tagħmel. ...omissis...

Minn barra dan, l-esponent jaf illi martu wirtet somma sostanzjali minn kuġin li kien jgħix il-Kanada, illi ppermettulha tixtri appartament f'Malta b'valur ta' aktar minn Lm50,000.

Illi, minkejja dan l-introjtu kollu, l-esponenti qatt ma vversat ebda kontribuzzjoni għall-ħlas tad-dejn tal-komunjoni, anzi qed tippretendi l-ħlas lura ta' fondi parafernali tagħha illi kienet ivversat fil-komunjoni u fl-istess waqt qed tippretendi wkoll kontribuzzjoni minn żewġha għall-manteniment tat-tfal minuri ...omissis...

..omissis...

that, she be personally, freed ,from any responsibilty regarding the payment of the balance of the debt due to the creditor bank, and which balance amounts to more than Lm70,000.

That, furthermore the applicant, is negotiating, with the Bank of Valletta plc, in order to save his residential home, from the procedures of judicial sale, pending against a company, which, owns, the same residence,

...omissis...

and this as regards another debt which exceeds Lm110,000.

That, on the contrary, the applicant's wife has her own income and has been de facto separated from the applicant, since the 5th July 2000. For about a year prior to this date, the applicant, had already been facing financial difficulties, and the whole family, namely the spouses Bonello and their two children, lived, solely on the salary and other incomes of the mother. After, the 5th July 2000, the minor children, continued to live with the mother and during this time, the applicant, did not make any contribution for the maintenance of his children, principally because, as has already been stated it was not financially possible, for him.

That futhermore, the applicant knows, that, besides the income that his wife has from her employment, ...omissis... the same Grace Bonello, even, sold assets belonging to the community of acquests, without the consent, of her husband, and witheld, the income derived.

...omissis...

Besides this, the respondent also took possession of a vehicle (property of one of the companies) without the consent of her husband and transferred onto, to the name of third parties. Besides this, the same Grace Bonello, recieves, also additional renumeration for private work she does ...omissis...

Besides this, the applicant, knows that his wife inherited a substantial sum from a cousin, who lived in Canada, which, enabled her to buy an appartment in Malta, for the value of more than Lm50,000.

That, despite of all this income, the applicant, never made any contribution for the payment of the debts of the community of acquests, but, is expecting that she be paid back the paraphernal funds, that she had paid into the community of acquests and at the same time is expecting a contribution by her husband towards the maintenance of the minor children ...omissis...

Illi ma' dan l-esponent iżid jgħid illi waħda miż-żewġ ulied minuri, ...omissis... għandha 17-il sena, qed tattendi Sixth Form u għandha stipendju. L-esponent jaf illi bintu taħdem ukoll fix-xhur tas-Sajf, ...omissis... u taħdem ...omissis... wara nofsinhar, naturalment f'kull każ b'introjtu. Kwantu għall-iben minuri ...omissis... L-esponent ġie infurmat minn martu illi l-miżata ta' l-iskola tiġi ssussidjata bin-nofs mill-istess skola.

Illi għalhekk, minn dak kollu hawn fuq rilevat, għandu jidher ċar u manifest illi l-esponent ma għandhux jiġi kkundannat iħallas ossija jikkontribwixxi għall-manteniment ta' wliedu f'ċirkostanzi fejn l-anqas biss għandu mezzi suffiċjenti sabiex imantni lilu nnifsu, oltre li huwa ġustifikat li jitlob il-ħlas manteniment minn martu.

Illi, oltre, dan ir-relazzjoni bejn il-kontendenti spiċċat definittivament fil-ħamsa (5) ta' Lulju 2002, wara li l-intimata telqet mid-dar konjugali bit-tfal minuri, u rrifjutat li qatt terġa' tirritorna - tant illi għal żmien twil, ir-rikorrent l-anqas biss kien jaf bl-indirizz fejn kienet qed tgħix martu u wliedha ...omissis... Minn dak iż-żmien ftit li xejn kienu l-okkażjonijiet meta l-esponent ra t-tfal tiegħu jew għadda ftit ħin magħhom.

Illi l-esponent kien già intavola żewġ rikorsi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, sabiex jiġu trattati dawn il-kwistjonijiet, iżda l-esponent iltaqa' ma' diffikultajiet kbar sabiex jinnotifika lil martu illi fil-frattemp infurmatu illi kienet intavolat il-proċeduri odjerni quddiem dina l-Onorabbli Qorti, b'riżultat illi l-esponent kellu jirtira r-rikorsi imsemmija.

Għaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. tvarja d-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Frar 2003, billi, filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu laqgħet l-ewwel żewġ talbiet rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promutorju ta' Grace Bonello, tirrevoka contrario imperio l-istess digriet in kwantu laqgħet it-tielet talba rikorrenti u ordnat lill-esponent iħallas manteniment għal uliedu pendente lite u minflokk tiċħad l-istess talba rikorrenti fl-intier tagħha;

2. tiffissa r-retta alimentarji pagabbli mill-intimata pendente lite għall-manteniment lill-esponent u tordna lill-intimata sabiex tħallsu dik ir-retta pendente lite, liema manteniment l-esponent jitlob illi għandu jitnaqqas direttament mis-salarju ta' l-intimata;

3. tiffissa l-ħinijiet ta' l-aċċess għat-tfal minuri a favur l-esponent u tistabilixxi wkoll modalità kif għandu jiġi eżerċitat dan l-aċċess.

That further to the above, the applicant, adds, that one of the two minor children, ...omissis... is seventeen years old, attends Sixth Form and has a stipend. The applicant, knows, that his daughter also works during the summer months, ...omissis... and works ...omissis... in the afternoon, naturally towards payment. As for the minor son ...omissis... the applicant, was informed by his wife, that the school fee, is subsidised by half ,by, the school.

Thus, from, all that is brought forward above, it is, should clearly result that the applicant, should not be condemned to pay or contribute for the maintenance of his children in circumstances, whereby, he does not have sufficient means, to maintain himself, besides, he is justified to ask for the payment of maintenance, by his wife.

That, furthermore, the relationship between the parties definitely broke down on the fifth (5) of July 2002, after, the respondent had left the conjugal home with the minor children, and refused to ever return back- that for a long while the applicant did not even know where his wife and children were living, ...omissis... Since, that time, the occassions when the applicant saw his children or spent some time, with them, were very few.

That the applicant, had, already filed two applications before the Second Hall of the Civil Court, in order, that these matters be resolved, but the applicant, encountered huge difficulties in order to notify his wife, which in the meantime informed him that she had filed, the present procedures, before this Honourable Court, as a result of which the applicant, had to withdraw the said applications.

Thus the applicant humbly asks that this Honourable Court;

1. varies the decree of the Second Hall of the Civil Court of the 13th February 2003, by, whilst confirming it in so far as it upheld the first two demands of the applicant, as brought forward, in the original application of Grace Bonello, revokes contrario imperio the same decree by upholding, the third demand of the applicant, and ordered that the applicant, pay maintenance for the children pendente lite and instead rejected the applicant's demand in whole.

2. to fix the adequate maintenance payable to the respondent pendente lite and to order the respondent to pay the adequate maintenance pendete lite, which maintenance the applicant, asks that to be directly deducted from the salary of the respondent;

3. to fix the times of access of the minor children in favour of the applicant and to establish the modality how the right of access, is, to be exercised.

B'riżerva għal kull dritt ieħor spettanti lill-esponent kontra martu skond il-liġi, partikolarment, fir-rigward ta' dawk l-assi tal-komunjoni ossija tal-kumpanija, minnhu rappreżentata illi ittieħdu b'mod abużiv u illegali mill-intimata, mid-dar fejn qed jirrisjedi l-esponent.

Int: Apartment 15, Verdala Court, St. Georges Park, St. Julians.

Qorti Ċivili Prim'Awla

Onor. Imħallef. Raymond C. Pace, LL.D.

Ċitazz. Nru. 288/03 RCP

Grace Bonello et

vs

Karl Bonello et

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 22 ta' Awissu, 2003.

Tordna qabel xejn il-konvenut jagħti ruħu notifikat biċ-ċitazzjoni attriċi u bl-avviż tas-smigħ tal-kawża fi żmien erbat ijiem mill-lum.

Tordna lill-attriċi taderixxi ruħha mad-digriet tal-21 ta' April 2003 immedjatament b'terminu ta' għaxart ijiem għan-nota ġuramentata u 30 ġurnata min notifika ta' dan id-digriet għall-affidavits kollha tagħha u tordna lill-konvenut jinnotifika dan id-digriet lill-attriċi.

Illum, 25 ta' Awissu, 2003.

ROSE MARIE VELLA,
Deputat Reġistratur.

Il-kawża, hawn fuq imsemmija, Ċitazzjoni numru 288/03 RCP, fl-ismijiet Bonello Grace pro et noe vs Bonello Karl, tinsab differita għad-19 ta' Novembru 2003, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 31 ta' Ottubru, 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati

Saving, any other right due to the applicant against his wife, according to law, and particulary, as regards, the assets of the community of acquests, or of the company represented by him, which, were abusively and illegally taken, by the respondent, from, the house were the applicant resides.

Respondent: Apartment 15, Verdala Court, St. Georges Park, St. Julians.

Civil Court First Hall

Hon. Mr. Justice Raymond C. Pace, LL.D.

Writ of summons number. 288/03 RCP.

Grace Bonello et

vs

Karl Bonello et

The Court,

Having seen the defendant's application of the 22nd August 2003,

Orders in the first place that the defendant, declares that he has been duly served with the plaintiff's writ of summons and notice of hearing of the cause within four days from today.

To order the plaintiff to abide by the decree of the 21st April 2003 immediately with a term of ten days to make sworn declaration and to file her affidavits within 30 days from service of this decree and to order the defendant to notify the plaintiff with this decree.

Today, 25th August, 2003.

ROSE MARIE VELLA,
Deputy Registrar.

The cause, above mentioned, Writ of summons number 288/03 RCP, in the names Bonello Grace pro et noe vs Bonello Karl, has been put off to the 19th November 2003, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 31st October, 2003.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar of Courts

1529

Ikun jaf kulħadd il-Qorti Ċivili Prim'Awla permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Ottubru 2003, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Magdelene sive Maudy Camilleri f'isimha proprju u bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri, ippreżentat, fit-8 ta' April 2003, Ċitazzjoni, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kontra Lawrence Camilleri, fejn talbet il-konvenut jgħid għaliex;

1. M'għandhiex tiġi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Camilleri minħabba adulterju, sevizzi, eċċessi, swat, minaċċi u inġurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attriċi, jew minħabba li ż-żwieġ tkisser irrevokabilment;

2. M'għandhiex l-attriċi tiġi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri ...omissis... salv l-aċċess tal-konvenut b'dawk il-modalitajiet kollha li jidrulha xierqa;

3. M'għandux l-imsemmi konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-attriċi għaliha u għal wild minuri dik ir-retta alimentarja dovuta lilhom skond il-Ligi b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda skond l-għoli tal-ħajja, u tnaqqis mill-paga tal-konvenut, li għandhom jiġu ffissati minn din il-Qorti fl-aħjar interess tal-minuri;

4. M'għandhomx jiġu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta (1984 ed.) in toto jew in parte.

5. M'għandhiex din il-Qorti tiddikjara xjolta il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess komunjoni okkorrendo b'opera ta' perit nominandi, u billi tiġi stabbilita data li minn dik id-data il-konvenut ma jitqiesx intitolat għall-akkwisti magħmulin bix u ħila ta' l-attriċi, u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relativ u kuratur biex jirrapreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja fuq l-istess att.

6. M'għandhiex din il-Qorti tawtorizza lill-attriċi li tabita fid-dar matrimonjali u cioè 10, Hunter Valley, fi Triq Swatar, Swatar, ad esklużjoni tal-konvenut u tagħti kull provvediment xieraq u opportun għal dan l-iskop.

7. M'għandux il-konvenut jiġi kkundannat jikkonsenja lill-attriċi l-beni u krediti parafernali tagħha.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 21st October 2003, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Magdalene sive Maudy Camilleri in her own name and as curator ad litem of her minor son, filed, on the 8th April 2003, a writ of summons, in the First Hall of the Civil Court, against Lawrence Camilleri, wherein she asked the defendant to state why;

1. There should not be pronounced the personal separation between the spouses Camilleri, due to adultery, excesses, beatings, threats and grievous insults, that the defendant committed against his wife the plaintiff or because the marriage irretrievably broke down;

2. Why the plaintiff should not be entrusted with the care and custody of the minor ...omissis... saving access of the defendant under the modalities deemed fit;

3. Why the said defendant should not be condemned to pay the plaintiff for her and the minor children the adequate maintenance due to them by law under all those modalities of payment, including provision for the cost of living increases, and deduction from the wages of the defendant, which are to be fixed by this Court, in the best interests of the minor;

4. Why there should not be applied against the said defendant the effects of the provisions of Articles 48 to 53 of the Civil Code of the Laws of Malta (1984 ed). in toto or in parte.

5. Why this Court should declare the community of acquests between the parties dissolved and liquidate the same community of acquests if necessary, by the appointment of a referee, and by establishing the date, from when the defendant shall be considered as not entitled to the acquistions, made by the work of the plaintiff, by appointing a notary to publish the relative deed and a curator to represent the defendant in case of default on the contract.

6.Why this Court should not authorise the plaintiff, to live in the matrimonial home and namely 10, Hunter Valley, in Swatar Street, Swatar, to the exclusion of the defendant and to give every opportune and reasonable provision in this regard.

7. Why the defendant should not be condemned to deliver to the plaintiff her paraphernal property and credits.

Bl-ispejjeż - kompriżi dawk tal-proċeduri inkorsi quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, kontra l-konvenut, inġunt minn issa stess għas-subizzjoni.

Il-kawża, fuq ċitata, Ċitazzjoni numru 363/03 RCP, fl-ismijiet Camilleri Magdalene pro et noe vs Camilleri Lawrence, tinsab differita għan-notifika għat-2 ta' Diċembru 2003, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 31 ta' Ottubru, 2003.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur tal-Qrati

With costs - including those of the procedures incurred before the Second Hall of the Civil Court, against the defendant, summoned so that a reference to his oath be made.

The cause above mentioned, writ of summons number 363/03 RCP, in the names Camilleri Magdalene pro et noe vs Camilleri Lawrence, has been put off in order that service, be effected to the 2nd December 2003, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 31st October, 2003.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar of Courts

1530

B'DIGRIET mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri fit-30 ta' Ottubru 2003 fl-atti tas-subbasta numru 13/2002 fl-ismijiet "Grace Attard et versus Savio Spiteri", ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 24 ta' Novembru 2003 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, Victoria, għall-BEJGĦ BIS-SUBBASTA, tal-fond numru 9, già numru 8, u aktar qabel numru 1, fi Triq ir-Rabat, Xlendi, limiti tal-Munxar, Għawdex.

Dan l-immobbli jinbiegħ bħalma ġie deskritt u stmat fl-ammont ta' Lm55,000 mill-Arkittet u Inġinier Ċivili Joseph Bondin fir-relazzjoni tiegħu ppreżentata u maħlufa fit-18 ta' Mejju 1999 fl-atti tas-Subbasti numru 8/1999 fl-ismijiet "Mariano Vella versus Domenico Savio sive Savio Spiteri" fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Malta).

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri.

Illum, 30 ta' Ottubru, 2003.

ANTHONY MIZZI
Deputat Reġistratur

BY VIRTUE OF A DECREE delivered by the Court of Magistrates (Gozo) in its Superior Jurisdiction, on the 30th October 2003 in the records of Judicial Sale by Auction number 13/2002 in re "Grace Attard et versus Savio Spiteri", Monday, 24th November 2003 from 9.00 a.m. to noon has been scheduled for the SALE BY AUCTION which is to be held at the Gozo Court's edifice, Cathedral Square, Victoria, of the immovable property situate at number 9, formerly number 8 and still previously number 1, in Triq ir-Rabat, Xlendi, limits of Munxar, Gozo.

This property will be sold as described and valued in the amount of Lm55,000 by Architect and Civil Engineer Joseph Bondin in his report filed and sworn to on the 18th May 1999 in the records of Judicial Sale by Auction number 8/1999 in names "Mariano Vella versus Domenico Savio sive Savio Spiteri" in the First Hall of the Civil Court in Malta.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction.

This 30th October, 2003.

ANTHONY MIZZI
Deputy Registrar

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*